MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Numru. 823/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**
**(Spettur Francis Micallef)**

**vs**

**Hadi Mohammed Alsnussi Alabyad**

**Seduta tal-lum 07 t' Ottubru, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-iputazzjoni migjuba kontra Hadi Mohammed Alsnussi Alabyad, ta' 35 sena, bin Mohamed u Hawa, imwieled Tripli, fil-15 ta' Marzu, 1968,

Talli nhar il-Gimgha 3 t'Ottubru, 2003, ghall-habta ta' nofsinhar meta kont fl-Isptar San Luqa, Pieta' ikkommetta harba mil-post al-kustodja jew ta' pina, liema harba saret bi ksur ta' dawn il-postijiet u dan bi ksur ta' l-Art. 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess, data, hin u cirkostanzi kkommetta harba meta kien persuna mizmuma skond il-Ligi, minn lok mahtur ghall-kustodja tieghu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 160 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fis-6 t' Ottubru, 2003, ghall-habta tan-nofs siegha ta' bil-lejl attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqoesx vjolenza pubblika, filwaqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-lIgi, jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' l-Art. 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tas-07 t'Ottubru, 2003, skond l-art. 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma oggezzjonax ghat-trattazzjoni tal-kawza bl-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza u fuq ammissjoni ta' l-imputat, isibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Wara li rat l-art. 152, 160 u 96 tal-Kap 9, tenut kont ta' l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, tikkundannah ghall-terminu ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------